**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Revoka Nru: 217/2016 AF**

**Mario Sciberras**

**vs**

**Malta Boatman & Mooring Services Coop Ltd kif rapprezentata minn Joseph Farrugia, President, Adrian J Abela, Segretarju u Anthony Farrugia, Tezorier u l-istess Joseph Farrugia, Adrian J Abela u Anthony Farrugia fil-karigi taghhom msemmija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà Malta Boatman & Mooring Services Coop Ltd kif rapprezentata minn Joseph Farrugia, President, Adrian J Abela, Segretarju u Anthony Farrugia, Tezorier, u l-istess Joseph Farrugia, Adrian J Abela u Anthony Farrugia fil-karigi taghhom msemmija, li permezz tieghu ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet din il-Qorti biex:

1. Thassar, tirrevoka u tikkancella l-mandat ta' sekwestru bin-numru 412/2016 in toto jew in parte, u dan a tenur

tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew (d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lill-esponenti penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) u dan a tenur ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

3. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghat-talbiet precedenti, tordna lill-intimat sabiex jaghti, fi zmien qasir u perentorju minnha stabbilit, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, f'ammont u modalità li jigu definiti minnha, u fin-nuqqas, tordna r-revoka, t-thassir, u l-kancellament tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 412/2016, a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, u b'riserva ghal kull dritt t'azzjoni ohra spettanti lill-esponenti, inkluz ghar-rizarciment ta' danni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba guramentata ta' Mario Sciberras li, ghar-ragunijiet fiha mfissra, ssottometta li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Semghet xhieda viva voce.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri, s-socjetà rikorrenti qed titlob it-thassir ta' mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha minn wiehed mill-imsiehba taghha wara tilwima bejniethom. Is-sekwestrant permezz tal-mandat *de*

*quo*, irid jikkawtela dritt tieghu ghall-introjtu mid-dhul ta' koperattiva u d-danni li jghid li qieghed isofri.

Doveruz li jigu enfasizzati zewg principji regolatorji fil-kuntest u cioè: l-ewwel nett, kull indagini li taghmel din il-Qorti tasal biss sa dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Il-Qorti m'hijiex qeghda bl-ebda mod, f'dawn il-proceduri, tippronunzja ruhha defenittivament fuq il-gustifikazzjoni o meno ta' xi dritt li qed jigi pretiz. Il-vertenza fil-mertu tibqa' rigorozament impregudikata.

Inoltre, din il-Qorti ma tistax leggerment tiskarta dritt ta' pretiz kreditur li jikkawtela l-kreditu tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi, b'dana però li dan ghandu dejjem izomm quddiem ghajnejh ir-responsabbilità tieghu meta jitlob ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, li naturalment dejjem jikkawza element ta' inkonvenjent u gieli addiritura hsara.

Is-socjetà sekwestrata ssejjes it-talba taghha fuq il-provvedimenti tal-Art. 836(1)(b) u/jew (d) tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdu ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Ghar-rigward tal-ewwel raguni msemmija din il-Qorti tqis li l-ilment tal-koperattiva ma jiswiex u dan ghar-raguni li hadd mill-persuni msemmija fil-mandat *de quo* ma huwa msemmi personalment izda unikament fil-kwalità rispettiva taghhom ta'

rapprezentanti ta' Malta Boatmen and Mooring Services Coop Limited.

Ghar-rigward tal-ammont li qieghed jigi kkawtelat permezz tal-mandat *de quo*, din il-Qorti tinnota li s-sekwestrant qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq id-dhul ta' msieheb tal-koperattiva fuq medda ta' hames snin.  Dan l-ammont, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa, f'dan l-istadju, eccessiv.  Il-Qorti tifhem li l-imsiehba jaqsmu l-qliegh bejniethom fl-ahhar ta' kull sena u ghalhekk ma jitfaddal xejn, madanakollu it-tul previst tal-proceduri fil-mertu quddiem il-Qorti m'ghandux iwassal ghal sitwazzjoni sabiex allegat debitur, jitghakkes aktar minn dak li hu gustifikat.  Ghalhekk fic-cirkostanzi, fejn il-Qorti qeghda f'dan l-istadju tittenta ssib bilanc bejn il-jeddijiet tal-partijiet, din il-Qorti tqis li l-effett tal-mandat ghandu jitnaqqas ghall-ammont ta' tmenin elf Ewro, bid-dritt jibqa' dejjem rizervat lill-kreditur li jikkawtela l-kreditu tieghu oltre din ic-cifra mat-trapass taz-zmien jekk ikun hemm htiega.

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti timponi ukoll penali u garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali u danni.

L-Art. 838A tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fehmet dan il-provvediment tal-ligi fis-sens:

> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ.  Li kieku*

*ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;*

*Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;*

*Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mill-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni minħabba l-istess Mandat."* – (Francis Spiteri et vs Charles Daramnin et – 25 ta' Awwissu 2010).

Din il-fehma hija pjenament kondiviza minn din il-Qorti li ma ssib li tezisti ebda raguni li twassalha biex timponi penali jew biex tghabbi lis-sekwestrant bil-piz ta' garanzija.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talba ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru 412/2016 tordna li l-effetti tieghu, jibqghu limitati sal-ammont ta' tmenin elf Ewro (€80,000), tichad ukoll it-tieni u t-tielet talba.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF